# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO (President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 9**

**Rikors numru 165/12/1 AGV**

**John Sant**

**v.**

**Rita Sant**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta dwar l-appell tal-konvenuta Rita Sant mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-9 ta' Ottubru 2019 dwar talba tal-missier, illum appellat, sabiex titħassar jew tiġi emendata l-klawsola fil-kuntratt ta' separazzjoni li ffirmaw il-partijiet dwar l-aċċess tal-attur għal bintu.

2. Rat illi l-proċeduri fil-Prim'Istanza żvolġew kif ġej:

**2.1.** Permezz ta' rikors maħluf ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili (Prim'Awla) fl-24 ta' Lulju 2012, l-attur ippremetta illi:

(i) il-partijiet iżżewwġu fis-7 ta' Settembru, 2002 ġewwa l-knisja parrokkjali taż-Żejtun u fis-6 ta' Ottubru 2003 twieldet it-tifla Francesca Sant;

(ii) il-partijiet infirdu permezz ta' kuntratt pubblikat min-Nutar Dr. Marco Buttiġieġ fit-2 ta' Frar, 2007;

(iii) filwaqt li l-konvenuta għandha l-kura u kustodja tat-tifla minuri, deċiżjonijiet maġġuri rigwardanti ta' saħħa, l-edukazzjoni u s-safar tal-minuri għandhom jittieħdu konġuntivament iż-żewġ partijiet jew bl-intervent tal-Qorti kompetenti;

(iv) huwa għandu dritt ta' aċċess għat-tifla skont klawżola 5(e)(iv) tal-kuntratt ta' separazzjoni li jipprovdi:

*"Il-partijiet jiddikjaraw illi r-ragel ghandu access ghat-tfal minuri darba fil-gimgha nhar ta' Gimgha mill-17.00 sas-19.00 u l-Hadd fl-istess hinijiet dejjem taht sorveljanza jew tal-mara jew tal-agenti tal-agenzija Appogg skond kif il-partijiet jiftiehmu minn zmien ghal zmien."*

(v) minħabba dan l-arranġament huwa ilu ma jara lill-bintu għal dawn l-aħħar sentejn minkejja li ma jeżistux l-estremi legali għalfejn l-attur għandu jara lill-bintu b'mod superviżjonat dejjem mill-attriċi jew permezz ta' aġenti tal-Aġenzija Appoġġ. Jgħid li huwa fl-aħjar interess tal-minuri li tara lill-missierha waħedha u għalhekk l-attur jixtieq li l-kundizzjoni titneħħa;

(vi) wara diversi tentattivi biex tinbidel dik il-klawżola permezz tal-medjazzjoni, tentattivi li qatt ma ġew risposti min-naħa tal-konvenuta, kellu jirrikorri għall-proċeduri odjerni;

(vii) huwa ġie awtorizzat sabiex jipproċedi għall-kawża permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) bin-numru 667/12 (Dokument JS1).

Talab għalhekk illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja):

*'Tordna r-revoka, l-abrogazzjoni u/jew l-emenda tal-Artikolu 5(e)(iv) tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Marco Buttigieg datata tnejn ta' Frar tas-sena elfejn u sebgħa (02/02/2007) billi tipprovdi u tirregola bejn il-partijiet u tordna u tippermetti illi l-esponenti missier John Sant ikun jista' jezercita' u jipprattika l-access ma' bintu wahdu u mhux taht sorveljanza tal-konvenuta jew tal-Agenzija Appogg u dan taht dawk il-*

*kondizzjonijiet u provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkunu xierqa.'*

**2.2.** Il-konvenuta wieġbet bil-ġurament tagħha illi:

*'Illi l-esponenti qieghda topponi t-talba tar-rikorrenti ghar-ragunijiet segwenti:-*

*"1. Illi r-rikorrenti ma ta l-ebda raguni ghalfejn l-artikolu 5 (e)(iv) tal-kuntratt ta' separazzjoni maghmul minn Nutar Marco Buttigieg fit-2 ta' Frar, 2007 ghandu jigi revokat, abrogat jew emendat kif minnu mitlub.*

*"2. Illi l-esponenti tinsisti li r-rikorrenti ghandu jara lill-minuri bintu Francesca taht is-sorveljanza taghha u/jew tal-Agenzija Appogg stante li:*

*"(i) Skond kif ammetta r-rikorrenti stess lil bintu ilu ma jaraha ghal sentejn u ghalhekk il-minuri prattikament insietu u trid tigi rijabilitata ghaliha biex terga' tibda taccettah bhala missierha;*

*"(ii) Illi fil-passat kien hemm storja ta' suspetti fejn il-minuri setghet kienet qed tigi abbuzata mill-istess missierha. Di fatti, it-tifla kienet tilmenta "li l-papa' huwa pastaz" waqt li taghmel idejha fuq il-partijiet privati taghha; u*

*"(iii) Illi ghalhekk ir-rikorrenti accetta li jara lil bintu taht sorveljanza kif stipulat fl-istess kuntratt, liema kuntratt huwa ghamlu volonta' libera tieghu u mhux ghax b'xi mod kien imgieghel.*

*"3. Illi kif se jirrizulta waqt il-kawza l-esponenti qatt ma cahdet lir-rikorrenti li jara lil bintu u kemm il-darba saru appuntamenti biex huwa jaccedi ghall-istess minuri, liema appuntamenti ma nzammux minnu fuq skuza jew ohra.*

*"4. Illi jekk huwa daqstant importanti ghar-rikorrenti li jara lil bintu minuri, l-esponenti tistaqsih ghalfejn ghal sentejn shah qatt ma ha proceduri biex jaraha.*

*"5. Salv eccezzjonijiet ultejuri kemm il-darba jkun il-kaz.'*

**2.3.** B' sentenza mogħtija fid-9 ta' Ottubru, 2019 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet billi:

*‘Filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta;*

*“Tilqa’ t-talba tal-attur, in kwantu tvarja l-klawżola imsemmija u taghti lill-istess attur access liberu ta’ bintu Francesca, b’dana illi l-istess minuri tibda tattendi ghal dan l-access wara li ssir it-terapija relattiva maghha, mal-attur, kif ukoll mal-konvenuta, u ghalhekk tinnomina lil Carmen Delicata bhala Terapista tal-Familja kif ukoll lill-Psaikjatra, Dr. Lorraine Azzopardi, u wara li l-istess esperti jaccertaw ruhhom li l-access jista’ jerga’ jigi ezercitat, u dan wara ukoll li jkun sar kuntatt u tinbena relazzjoni ma’ hut il-minuri. Meta l-minuri, ssir maggorenni, theggeg lil kulhadd isegwi t-terapija mehtiega sabiex fl-ahjar interessi tal-minuri r-relazzjoni bejn il-missier u l-bint tinbena’ mill-gdid.*

*“L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.’*

3. Rat illi l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu s-segwenti:

*‘Il-partijiet isseparaw u skond klawżola 5(e)(iv) tal-istess kuntratt l-attur kellu access “darba fil-gimgha mill-17.00 sas-19.00 u l-Hadd fl-istess hinijiet dejjem taht sorveljanza jew tal-mara jew tal-agenti tal-agenzija Appogg skond kif il-partijiet jiftiehmu minn zmien ghal zmien.”*

*“L-attur ilu ma jara lill-minuri sa mis-sena 2010 meta l-konvenuta kienet telqet mid-dar matrimonjali, fejn kien ilu ma joqghod hemm l-attur u marret tghix mal-partner taghha, flimkien mal-minuri Francesca. Minn dakinhar kien rah darbtejn biss u sussegwentement il-konvenuta kien irnexxielha tallontana lill-minuri minn mieghu.*

*“Mill-provi migbura huwa evidenti li l-minuri ma tiftakarx bl-abbuz, peress li dak li qed tallega l-konvenuta sar meta kienet ghad ghandha xi sena u nofs u ghalhekk taf biss dak li tghidilha ommha. Il-verzjonijiet tax-xhieda prodotta huma kontrastanti ghall-ahhar. Hut il-minuri Francesca ssibuha difficli li jemmnu li l-attur seta’ abbuza mill-konvenuta, aktar u aktar meta meta kienet tfarfret ftit, il-konvenuta ma kinitx issib problema li thalli t-tfal mal-attur, inkluz Francesca biex hija tohrog tiggerra u tibqa’ barra sas-sieghat bikrin ta’ filghodu. L-attur kien anke jahsel u jbiddel lill-minuri. Aktar minn hekk, kien hemm xi zmien meta l-partjiet regghu rrikonciljaw u dan ipoggi aktar dubbju fuq l-abbuz.*

*“Il-pulizija stess u anke r-rapporti medici ma kkonfermaw l-ebda forma ta’ abbuz, anzi fi kliem l-Ispettur Raymond Aquilina:-*

> *"…kont mort ghand l-AG u ddiskutejt il-kaz tieghi u kien tal-parir li azzjoni kriminali ma twassalx ghal xi conviction kontra l-akkuzat."*

*"Il-konvenuta ukoll ippruvat li tpingi lill-attur bhala persuna li kellu l-vizzju li jara l-pornografija u ghalkemm l-istess attur ma gabx provi in sostenn ta' dan, lanqas l-istess konvenuta ma sahhet dawn l-akkuzi. Madanakollu, effettivament, il-qofol ta' dan il-kaz huwa mhux jekk kienx hemm abbuz jew le, jekk l-attur kienx jara l-pornografija, izda jekk l-attur ghandux jinghata tibdil jew varjazzjoni fl-access tieghu lill-minuri, li ogni caso, ma kienx qed jigi ezercitat u gie sahansitra sospiz minn dina l-Onorabbli Qorti u jekk dan it-tibdil huwiex fl-ahhar mill-ahhar fl-interess tal-minuri.*

*"Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna u kif gia' kkunsidrat aktar 'l fuq, f'kazijiet ta' din ix-xorta, l-Qorti ghandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawza fl-ismijiet Sylvia Meli vs Philip Vassallo, gew enuncjati s-segwenti principji:-*

> *"The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegations, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interests of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child."*
>
> *"Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-drittijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mghallma mill-gurisprudenza konstanti taghna…"*

*"Fil-kaz odjern gew mqabbda diversi esperti li taw l-parir taghhom fuq livell psikologiku u psikjatriku tal-minuri Francesca. L-analizi tad-diversi esperti huwa pjuttost kontrastanti, specjalment minhabba li dahlu f'diversi stadji tal-kaz, pero' essenzjalment, il-parir taghhom hija li hemm biss direzzjoni wahda li ghandha tigi segwita ghall-minuri, kif se jigi spjegat hawn taht.*

*"It-tifla minuri certament timmanifesta l-istess emozzjonijiet u cioe' dak ta' biza', ansjeta', nuqqas ta' irqad u bond kbira lejn ommha.*

*"Dr. Joseph Saliba kien il-psikjatra li segwa l-aktar lill-minuri u jghid li l-ewwel li ddahhlet ic-Child Guidance Clinic kien fi Frar, 2010 u f'dak l-istadju t-tifla kienet qed tbati minn "adjustment disorder" u kien ippreskriva medicina sabiex tkun tista' torqod bil-lejl.*

*"Meta tkellem mal-psikologa Dr. Roberta Farrugia Debono tghid li hu tenna li*

> *"a pattern was emerged where every time there is contact with the father or some court proceeding, the child becomes highly disturbed and would require medication again.*
>
> *"According to Dr. Saliba, Francesca is a very vulnerable child that is very impressionable. He believes that the reality that the child is living is that fostered by parent with whom she is living."*

*"Dr. Roberta Farrugia Debono giet nominata fil-bidu tal-kaz u cioe' fit-23 ta' Settembru, 2013 biex tezamina u taghmel assessjar psikologiku tal-minuri u kkonstatat li t-tifla tbati minn parental alienation u tghid hekk:-*

> *"From a psychological point of view this is a clear-cut case of parental alienation where for Rita, it is as though, because she has separated from John, she expects and insists the child does likewise. For Francesca, to love John, or even to want visitation with, or accept presents from is tantamount to betrayal. Francesca clearly perceives that Rita cannot tolerate this degree of perceived "disloyalty" such the preservation of the Francesca's relationship with Rita now hinges on the renunciation of the relationship with John.*
>
> *"…..*
>
> *"When parental alienation occurs, every member of the family is damaged by the process and requires psychological help. Fully aware that research shows that the longer an alienation situation continues, the more difficult it is to treat and to reverse (Shopper, 2005), it is my recommendation that interventions are held with the whole system."12*

*"Ghalhekk, l-istess psikologa rrakkomandat li t-tifla minuri ghandha bzonn it-terapija, izda l-ewwel u qabel kollox trid issir terapija mal-omm u din, fil-fehma taghha hija l-lacuna li kien hemm f'dan il-kaz. L-omm esagerat meta kienet isemmi l-allegat abbuz l-iskola, mal-ghalliema, kif ukoll mal-media u l-gurnali. Anke l-fatt li skond bintha, il-konvenuta kienet tigdeb li r-rigali li kien jibghat l-attur kienu minghand Father Christmas jew minghandha huwa ngustifkabbli, aktar u aktar meta l-istess konvenuta ma nnegatx dan il-fatt.*

*"Skond il-psikologa Farrugia Debono, l-affarijiet iridu jinbidlu u jieqfu b'mod immedjat u t-tifla tigi mhajjra tbiddel il-verzjoni taghha.*

*"Fil-fehma taghha, kienet se tkun trawma wisq ghaliha jekkk tara lil missierha, l-ewwel pass irid ikun it-terapiji fuq imsemmija, segwit aktar tard b'kuntatt ma' hut il-minuri, biex minn hemm tkun tista' tinbena relazzjoni mal-missier, li fl-ahhar mill-ahhar dawn kollu joqoghdu mieghu.*

*"Meta tkellmet ma' Marcella Muscat, Psychologist Child Guidance Unit, li kienet ratha bejn Lulju, 2011 u Frar, 2013, din kienet tal-opinjoni li l-minuri kellha anxiety disorder u hija affettwata hafna mill-ansjeta'*

*t'ommha. Kull meta kien hemm xi proceduri l-Qorti, kemm il-konvenuta kif ukoll il-minuri kien ikollhom hafna ansjeta' u l-konvenuta titlob l-ghajnuna, izda malli jikkalmaw kienet tikkancella s-seduti.*

*"L-istess Roslyn Vella, psikologa fl-Appogg li segwiet il-kaz f'Marzu, 2013 u li tkellmet mal-psikologa Dr. Roberta Farrugia Debono kienet konvinta li l-minuri kienet influwenzata immensament minn ommha u kkonfermat ukoll li hija ikkondizjonata mill-ansjeta' t' ommha. Osservat ukoll li t-tifla minuri kienet fidila hafna lejn l-omm u ommha mhix qed tghinha biex tipprova tibni relazzjoni mal-attur missierha. Hasset ukoll li l-imgieba tal-minuri fl-ewwel sessjoni u kien hemm xi drabi ohra fejn kienet donnha "rehearsed."*

*"Il-psikjatra Dr. Joseph Cassar kien ra lill-minuri bejn l-4 u l-11 ta' Novembru, 2016 wara li kien irtira il-psikjatra Dr. Joseph Saliba u kienet giet riferita l-ewwel lil Dr. Lorraine Azzopardi, imbaghad lilu bhala konsulent u dan minhabba li l-minuri Francesca kienet bdiet thedded li kienet se twegga' lilha nnifisha. Mid-djanjosi li zamm irrizulta li t-tifla kienet qed tbati minn "adjustment disorder bid-depressive mood."*

*"Dr. Cassar spjega li dan it-tip ta' disorder jirrizulta mill-fatt li "t-tifla kellha hsieb illi kien ferm go mohhha illi bazikament assolutament ma riditx tara lil missierha. Ovjament, l-isfurzar ta' dak il-hsieb kien relatat mal-fatt li jaqbadha dwejjaq kbar u tasal f'cirkostanzi fejn dawk id-dwejjaq iggibha f'mument kwazi fejn tipprova twegga' lilha nnifsha. Jekk inti taqla' dak l-istressor li ghaliha kien stressor, ovvja li ma baqghetx hemm (l-ansjeta' u d-depression – emfazi tal-Qorti)"*

*"Dr. Cassar ikkonferma li l-minuri kienet qed tiehu medicina Fluoxetine bhala anti-depressant u Silkedyne biex tghinha fl-irqad. Izid ighid li l-konvenuta kienet semmietlu li t-tifla ma kinitx trid tara lil missierha peress li kien hemm allegazzjoni ta' abbuz meta kienet izghar, izda ukoll bhala psikjatra ma dahalx fil-fond fuq din l-allegazzjoni ghaliex it-tir tieghu kien li t-tifla ma tweggax lilha nnifsha. Fil-fatt malli saret taf li kien ser jieqaf l-access kienet ahjar.*

*"Il-konsulent Dr. Jean-Pierre Giorgio gie nnominat bhala espert psikjatra fil-kaz odjern sabiex jirrelata dwar l-istat mentali tal-minuri, kif ukoll dwar l-allegazzjoni tal-missier li hemm il-possibilita' li l-agir tal-minuri fil-konfront ta' missierha jista' jkun effett ta' parental alienation.*

*"Dr. Giorgio ra lill-minuri u lill-konvenuta fis-26 ta' Lulju, 2018 u kkonstata illi hija persuna genwina u kredibbli. Mid-djanjozi rrizultalu li tbati minn mumenti ta' Mixed Anxiety and Depressive Disorder ikkagunati mill-inkwiet u l-biza' li tista' terga' tigi mgieghla tiltaqa' ma' missierha kontra r-rieda taghha.*

*"Dr.Giorgio rrelata illi "kull meta ma kinitx tiltaqa' ma' missierha ghal zmien twil jew l-access tal-missier kien sospiz mill-Qorti, l-istat mentali ta' Francesca dejjem kien ahjar u aktar stabbli u sahansitra giet*

*illicenzjata mill-kura psikjatrika. Izda kull meta kellha terga' tiltaqa' ma' missierha l-istat mentali taghha dejjem rega' ddeterjora, tant li dejjem kellha terga' tibda l-kura psikjatrika."*

*"Il-psikjatra huwa tal-opinjoni li l-minuri ma tridx tara lil missierha, mhux bhala effett ta' parental alienation, izda l-allegat abbuz sesswali, l-imgieba aggressiva u t-theddid tal-attur fil-konfront tal-konvenuta u maghha meta kienet izghar, wassluha biex issibha difficli biex tizviluppa rapport tajjeb ma' missierha. Minhabba f'hekk qatt ma zviluppat rapport b'sahhtu ma' missierha u ghalhekk il-minuri thoss li lill-attur ma kinitx thobbu u tibza' minnu u ma tixtiequx f'hajjitha.*

*"In konkluzjoni, il-psikjatra mqabbad mill-Qorti rrakkomanda li jekk il-minuri jkollha tiltaqa' ma' missierha, dan kien se jkun ghad-detriment ghas-sahha mentali taghha.*

*"Tenut ta' dan kollu, mill-provi migbura ma jidhirx li l-attur huwa persuna li mhux dehen ta' missier. Ulied il-konvenuta mill-ewwel zwieg juru hafna rispett lejh u jikkunsidrawh bhala missierhom, li wara li abbandunathom ommhom, refa' r-responsabbilita' hu u dahhalhom f'daru. Il-fatt li anke l-istess konvenuta kienet regghet ghamlet zmien tipprova tirranga mieghu u li kienet tohrog u thalli t-tfal kollha mieghu, inkluz Francesca, meta diga' kienet qed issemmi l-abbuz, jaghti x'jifhem li l-attur huwa persuna, li forsi seta' kellu xi difetti jew vizzji, imma kellu kwalitajiet ta' missier. Huwa minnu ukoll li mill-provi jirrizulta li zzewweg ta' 40 sena u kellu certu nuqqasijiet kif jintegra f'relazzjoni peress li kien single ghal zmien twil.*

*"Sfortunatament, kif jigri hafna drabi f'dawn it-tip ta' kawzi ta' separazzjoni, il-pika u l-vendetta jiehdu l-ahjar taghhom u sfortunatament ukoll il-vittma ta' dan kollu spiccat il-minuri Francesca, mdawwra b'storja ta' allegat abbuz u segwita b'possessivita' tal-konvenuta li hadet il-minuri f'idejha u sa certu punt dina l-Qorti m'ghandhiex dubbju mmanipulat il-hsibijiet taghha, anke meta tigi in konfront mal-esperti. Dan wassal ghall-parental alienation u l-istess minuri bdiet thossha aktar leali lejn ommha u bdiet thares lejn missierha l-attur qisu xi mostru.*

*"Kull pass li tkun se taghmel, tibza' li se twegga' lil ommha, tant ir-relazzjoni kienet qawwija bejniethom per konsegwenza tal-possessivita' tal-konvenuta. Dan ma serva ta' ebda gid ghall-minuri, flimkien mar-repetizzjoni kontinwa tal-istorja tal-allegat abbuz, li mhux biss kienet issemmiha ripetutament fil-presenza tat-tifla, l-iskola, mal-ghalliema u sahansitra anke mal-esperti u l-media.*

*"Dan wassal li l-minuri, tramite ommha, zvillupat sens ta' ansjeta' u biza' meta kkonfrontatha li tara lil missierha taht supervizjoni u r-reazzjoni tal-omm kienet li tehodha l-isptar jew ghand psikjatra biex b'hekk tevita l-Qorti. Imbaghad malli t-tifla tikkalma twaqqaf is-sessjonijiet.*

*"Dawn il-fatturi kollha, il-parental alienation, l-effett tas-separazzjoni, l-biza' l-ansjeta' kollha wasslu biex it-tifla zvillupat adjustment disorder u/jew anxiety disorder kif kienet id-djanjozi tal-psikjatri nvoluti, li mhumiex identici ghal kollox. Madanakollu, l-parir kien wiehed, l-access ghall-attur ma kienx ideali fil-present, tenut kont tal-istress u trawma li tghaddi minnhom il-minuri Francesca.*

*"Il-partijiet u l-minuri, flimkien mal-familja estiza kollha, qed ibatu minn din is-sitwazzjoni u l-ghajnuna trid tolqot lil kulhadd. Sfortunatament, ic-cirkostanzi setghu jigu evitati u din il-Qorti bl-ebda mod mhi qedgha tiggustifika l-mod kif it-tifla giet manipulata u kkondizzjonata ghad-detriment taghha u taghha biss.*

*"L-interess tat-tfal huwa assolut u suprem u d-drittijiet taghhom ghandhom jigu rispettati, primarjament billi l-genitur ma jilghabx bis-sentimenti u l-emozzjonijiet taghhom sabiex jivvantagga ruhu.*

*"Ghalhekk, sabiex jigu ssalvagwardjati l-interessi tal-minuri l-unika triq hija li tinzamm terapija l-ewwel ghall-omm peress li hija parti kbira mill-problema ghax ghandha impatt kbir fuq l-emozzjonijiet tal-minuri u dan sabiex titghallem tkun aktar pozittiva lejn il-minuri u jkollha ttrenjar fil-coping skills, sabiex tkun tista' aktar tghin lit-tifla tifhem meta se jkun hemm xi haga li se johloq stress ghaliha. Jekk tibqa' kalma l-omm, l-influenza se tkun ta' gid ghall-minuri, ghax x'aktarx tibqa' kalma hi.*

*"Imbaghad ghandha tinzamm terapija ghall-minuri biex hi ukoll, bl-impatt pozittiv da parti t'ommha tibda ukoll titghallem il-coping skills, sabiex tkun ippreparata biex tara lil missierha.*

*"Jekk dan il-pass jigi sorvolat, ghandu jkun hemm laqghat ma' hut il-minuri, li wrew ix-xewqa li jarawha lil Francesca u dan bl-iskop li jwassal sabiex tkun tista' tintegra maghhom u mbaghad ma' missierha, li prattikament qed irabbi lil hutha.*

*"Ghandu jkun hemm terapija ghall-attur ukoll, li ghandu jifhem il-bzonnijiet tat-tifla li ghalissa mhux fl-interess taghha, minhabba l-istat mentali taghha, li tezercita l-access. Illum ghadda ammont sostanzjali ta' zmien u jkun trawmatiku wisq ghall-minuri li terga' tibda l-access mal-attur mil-lum ghal ghada. Hemm wisq' insigurta', wisq rabja u biza' biex terga' tibni relazzjoni ma' missierha. Jehtieg hafna xoghol u terapija biex jigu evitati aktar trawmi ghall-minuri. Il-Qorti tapprezza ukoll li cirka sentejn ohra, il-minuri dalwaqt issir maggorenni u l-access hekk issir mhux obbligatorju, pero' tkun sfortuna kbira jekk verament ma tkomplix ssegwi din it-terapija jekk ma jkunx sar progress sa dak iz-zmien u tipprova tibni relazzjoni ma' missierha mat-trapass taz-zmien, ghax inkella l-iskop ta' din it-terapija tkun taret mar-rih.'*

4. Rat illi l-konvenuta appellat minn din id-deċiżjoni u ddikjarat ruħha aggravata illi l-ewwel Qorti:

(i) M'addottatx il-konklużjonijiet tal-espert mediku li tqabbad mill-qorti, mingħajr ġustifikazzjoni;

(ii) ma ħarsitx l-interess suprem tal-minuri;

(iii) għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti; u

(iv) akkollat l-ispejjeż tal-kawża interament lilha.

5. Rat illi da parti tiegħu l-appellat wieġeb illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż doppji kontra l-appellanti. Jisħaq ukoll li l-appell huwa essenzjalment kritika tal-apprezzament tal-fatti żvolti mill-Qorti tal-ewwel grad iżda f'dan il-każ ma jeżistux l-estremi sabiex din il-Qorti tiċċensura dak deċiż fil-Prim'Istanza. Talab ukoll li l-qorti tikkundanna lill-appellanti sabiex tħallas l-ispejjeż għal darbtejn.

<u>Konsiderazzjoni.</u>

6. Illi safejn l-appellat isostni li l-appell huwa biss kritika tal-apprezzament tal-provi li għamlet il-Qorti tal-ewwel grad, issir referenza għal dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza ***Dottoressa Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dott. Joseph Muscat et*** tal-14 ta' Diċembru 2018:

> *'Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.'*

7. F' dan il-kuntest il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis il-kumplament tal-aggravju tal-appellanti.

<u>L-Ewwel Aggravju.</u>

8. L-appellanti tibda billi tilmenta li l-ewwel Qorti ddipartiet mill-konklużjonijiet tal-espert li nkarigat hi stess, il-psikjatra Dr. Jean Pierre Giorgio, mingħajr motivazzjoni ġustifikata. Fir-rapport tal-5 ta' Novembru 2018 ikkonkluda li:

(i) l-aġir tal-minuri fil-konfront ta' missierha m'huwiex effett ta' *parental alienation*; u

(ii) kull meta l-minuri qed ikollha tiltaqa' ma' missierha, dan qed ikun ta' detriment għas-saħħa mentali tagħha.

9. L-appellanti argumentat li għalkemm ma saritx eskussjoni lit-tabib Dr. Giorgio u lanqas ma saret talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali, il-Qorti skartat il-konklużjonijiet u minflok straħet fuq xhieda oħra u rapport li sar mill-psikologa Roberta Farrugia Debono sitt snin qabel meta t-tifla kellha biss għaxar snin. Tikkontendi li opinjoni ta' psikjatra ma tistax tiġi sostitwita b'dik ta' psikologa.

10. Il-Qorti m'għandhiex bżonn toqgħod tirrepeti dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn fil-qasir qalet dak li xehdu speċjalisti u esperti li eżaminaw u/jew ikkuraw lill-minuri Francesca matul is-snin. Hu evidenti li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti tinsab ibbażata fuq ir-riżultanzi fattwali in atti fl-assjem tagħhom. Madanakollu, l-appellanti tippretendi li l-ewwel Qorti kellha tistrieh unikament fuq il-perizja tal-psikjatra Dr. Jean Pierre Giorgio u tiskarta l-kumplament tal-inkartament.

11. Mill-atti jirriżulta li:

**11.1.** Il-minuri Francesca kienet ilha snin tiġi segwita minn esperti fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ u c-*Child Guidance Clinic/Unit*;

**11.2.** B'digriet mogħti fit-23 ta' Settembru 2013, il-Qorti ħatret lill-Clinical Psychologist Roberta Farrugia Debono[1] sabiex tagħmel *assessment* psikoloġiku tal-minuri Francesca u taż-żewġ ġenituri;

**11.3.** Ir-rapport tal-psikologa Roberta Farrugia Debono ġie ppreżentat fis-27 ta' Marzu 2014[2] wara li kienet għamlet 3 laqgħat mal-missier; 3 laqgħat mal-omm; 4 laqgħat mal-minuri Francesca; u laqgħat oħra ma': Brandon Camilleri u Victoria Camilleri (ulied l-appellanti minn żwieġ preċedenti); Dr. Joe Saliba (Konsulent Psikjatra), Marcella Saliba (Psikologa fic-*Child Guidance Clinic*), u Rosyln Vella (Psikologa fl-Aġenzija Appoġġ), li lkoll segwew il-każ tal-minuri matul is-snin; kif ukoll ma' MaryAnne Żammit, *headmistress* fl-iskola li tattendi l-minuri;

[1] Fol. 39.
[2] Fol. 95.

**11.4.** Fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2016 il-Qorti semgħet lill-partijiet u lill-minuri kif ukoll lill-ulied l-appellanti Victoria u Jessica Camilleri u konsegwentement ipprovdiet li:

*'il-missier jeżerċita aċċess mal-minuri Francesca nhar ta' Ħamis bejn is-19:00 u t-20:00, liema aċċess għandu f'dan l-istadju jkun taħt is-superviżjoni ta' social worker mill-Aġenzija Appoġġ pero eżerċitat barra l-bini tal-Aġenzija Appoġġ skont kif jiġi miftiehem mal-istess supervisor. Il-Qorti qed tawtorizza lill-partijiet illi mingħajr il-ħtieġa ta' digriet ulterjuri jiftehmu illi f'xi stadju jibdew jattendu għall-aċċess mal-missier l-aħwa ukoll u bi ftehim jistgħu wkoll iżidu l-ġranet u l-ħinijiet tal-aċċess.'*[3]

**11.5.** permezz ta' nota ppreżentata mill-Aġenzija Appoġġ fil-25 ta' Ottubru 2016,[4] il-Qorti ġiet infurmata li beda jinżamm l-aċċess f'Settembru iżda filwaqt li l-missier ikkopera, il-minuri ma riditx tkellem lill-missierha u ommha nfurmathom li minn mindu beda l-aċċess kellha tieħu lit-tifla għand psikjatra;

**11.6.** Konsegwentement, fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2016,[5] il-Qorti ħatret bħala esperta lill-psikjatra Dr. Ethel Felice sabiex:

*'teżamina lill-minuri Francesca sew fil-klinika tagħha kif ukoll waqt wieħed mill-aċċessi li jeżerċita l-missier taħt superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ u tipprepara rapport lill-Qorti dwar il-kundizzjoni psikjatrika attwali tal-minuri u r-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tar-relazzjoni tal-minuri maż-żewġ ġenituri.*

*"Dr. Felice hi awtorizzata teżamina sew il-file mediku tal-minuri fl-isptar u kif ukoll l-atti rilevanti fil-proċess tal-kawża.'*

---

[3] Fol. 217 – 218.
[4] Fol. 263.
[5] Fol. 264.

**11.7.** Dr. Ethel Felice talbet lill-Qorti teżentaha minn dan l-inkarigu stante pressjoni ta' xogħol;[6]

**11.8.** Fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2017, il-Qorti inkarigat lill-psikjatra Dr. David Cassar sabiex jipprepara rapport dwar il-minuri Francesca b'dan illi:

> *'għandu jirrelata ukoll dwar l-allegazzjoni tal-missier li hemm il-possibiltà li l-aġir tal-minuri fil-konfront ta' missierha jista' jkun l-effett ta' 'parental alienation ...*
>
> *"Il-Qorti tawtorizza lil Psikjatra Dr David Cassar sabiex ikkollu aċċess għal files medici tal-minuri Francesca kull fejn jinsabu u kif ukoll sabiex fil-qadi tal-inkarigu lilu mogħti jeżamina l-evidenza kollha fil-proċess ta' din il-kawża b'mod partikolari t-testimonjanzi tat-tobba u l-files medici esebiti fl-atti.*
>
> *"Il-Qorti qegħda tordna illi ssir kopja tal-proċess kollu a kariku tar-Reġistratur u jiġi mgħoddi lil Dr David Cassar, liema ordni tirreferi wkoll għall-atti futuri"*[7]

**11.9.** Fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2017[8] il-Qorti laqgħet it-talba tal-partijiet sabiex jinbidel Dr. David Cassar għaliex kien għadu ma kkomunikax magħhom u minfloku tqabbad Dr. Jean Pierre Giorgio. Il-Qorti ħatret ukoll lil Dr. Marita Tabone sabiex tiffaċilita l-inkarigu mogħti lill-perit ġudizzjarju u sabiex tkompli tiġbor il-provi tal-konvenuta;

[6] Fol. 268.
[7] Fol. 283.
[8] Fol. 330.

**11.10.** Fil-frattemp, fl-udjenza tas-27 ta' Ġunju 2018, il-Qorti ordnat li:

> *'b'effett immedjat il-minuri tibda tingħata terapija minn psikologa illi jidentifika l-Psikjatra Dr Joe Cassar b'dan illi l-ispejjeż professjonali relattivi għandhom jitħallsu minn John Sant direttament lil professjonisti u jitnaqqsu mill-ammont mensili illi bid-digriet viġenti jitħallas lil konvenuta bħala manteniment għall-minuri.*[9]*'*

**11.11.** Fil-5 ta' Novembru 2018 Dr. Jean Pierre Giorgio ppreżenta r-rapport tiegħu.[10] Skont *invoice* minnu redatta a fol. 457, fil-qadi tal-inkarigu tiegħu huwa għamel biss intervista waħda ta' siegħa u kwart (1:15) mal-minuri u ommha, dam tlett kwarti (45minuta) biex jikseb u jara l-*hospital notes* u sagħtejn oħra biex fassal u kiteb ir-rapport.

12. F' dan il-kuntest, l-ewwel Qorti kienet pjenament ġustifikata tqis l-atti b'mod sħiħ. Huwa manifest li l-inkarigu mogħti lil Dr. Jean Pierre Giorgio ma kienx intiż biex jissostitwixxi dak li rrelatat il-psikologa Roberta Farrugia Debono qablu. Kien iżda rapport addizzjonali li l-Qorti qieset xieraq tordna f'fażi sussegwenti fil-kuntest tal-imġieba tal-minuri waqt l-aċċess li hija kien qed ikollha mal-missier appellat.

---

[9] Fol. 443.
[10] Fol. 462.

13. Dan apparti li kull wieħed mill-esperti irrelata mill-*punto di vista* partikolari tal-professjoni tiegħu. Għalkemm ma saritx eskussjoni ta' Dr. Giorgio, huwa stess irrelata li sema' biss il-verżjoni tat-tifla u ommha apparti li fela '*in-noti kliniċi ta' Francesca Sant tal-Isptar Monte Karmeli u taċ-Children & Young People Services diversi drabi'.* Bħala stat ta' fatt għalhekk, l-imsemmi psikjatra la sema' personalment il-verżjoni tal-missier u lanqas ta' ħut il-minuri li kienu jgħixu fl-istess dar mal-partijiet fiż-żmien pertinenti u li fl-epoka in kwistjoni kienu diġà kbar biżżejjed biex ikunu jafu x'qiegħed jiġri madwarhom. Inoltre għalkemm Dr. Jean Pierre Giorgio evalwa l-*medical history* tal-minuri, la qara x-xhieda in atti u lanqas ma qara r-rapport redatt mill-espert tekniku l-psikologa Roberta Farrugia Debono li għamlet għadd kbir ta' inkontri ma' familjari u tobba kuranti tal-minuri qabel ma waslet għall-konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet tagħha. Il-Qorti m'hijiex tal-fehma li dak li għamel Dr. Giorgio għandu jġib fix-xejn ir-rapport dettaljat li għamlet il-psikologa Roberta Farrugia Debono jew ix-xhieda ta' esperti oħra in atti li kienu ilhom isegwu l-minuri s-snin.

14. Għaldaqstant, l-ewwel Qorti għamlet sew meta kkonsidrat il-provi kollha, inkluż ir-rapporti taż-żewġ esperti minnha stess maħtura.

15. Finalment, il-konklużjoni ta' Dr. Giorgio, fis-sens illi meta l-minuri Francesca *'ma kinitx tiltaqa' ma missierha għal żmien twil, jew l-aċċess*

*tal-missier kien sospiż mill-qorti, l-istat mentali ta' Francesca dejjem kien aħjar u aktar stabbli, u saħansitra ġiet illiċenzjata mill-kura psikjatrika. Iżda kull meta kellha terġa tiltaqa' ma' missierha l-istat mentali tagħha dejjem reġa' ddeterjora, tant li dejjem kellha terġa tibda l-kura psikjatrika'*, ma kinitx rivelazzjoni ġdida. Madanakollu, dan bl-ebda mod ma jfissirx li l-minuri ma tistax tingħata terapija f'tentattiv sabiex jekk possibbli jkun hemm kuntatt bejnha u l-missier. Relazzjoni mqar bażika kif issuġġeriet Roberta Farrugia Debono u deċiż mill-Qorti tal-ewwel grad.

16. F' dan il-kuntest issir referenza għax-xhieda tal-psikjatra Joseph Saliba li segwa lill-minuri mill-2010 sa meta rtira fl-2016:

> '... *Jien sadanittant kont indikjat żewġ drabi differenti, darba illi m'għandiex tiġi mġiegħla. Issa hawnhekk irrid infiehem ruħi, mhux qed ngħid illi m'għandiex tara lil missierha imma li qed ngħid li m'għandiex tiġi mġiegħla fis-sens li tiġi sfurzata, illi dan il-kuntatt għandu jsir f'ambjent fejn hi tiġi ppreparata u li wieħed jindirizza l-biża tagħha ... ma kontx kontra li din l-espert tuża l-iskills professjonali tagħha biex permezz tal-omm inħeġġu lit-tifla taċċetta illi din il-psikologa qiegħda tessessjaha biex tgħinha u għandha tikkopera mal-psikologa ...'*[11]
>
> *'Meta qed ngħid impost fuqha jfisser li din qed tgħid le, qiegħda tibki u tkaxkarha u tgħidli aħna l-qorti mhux se tikkmanda u trid u ma' dik hija ta' ħsara għal kwalunkwe tifel jew tifla illi naġixxu b'dan il-mod, speċjalment fuq xi ħaġa li suppost għandha tkun sinjal ta' mħabba, pero' nirrepeti mhux qed ngħid li m'għandux isir xogħol biex ikollha kuntatt ma' missierha imma għandu jsir f'kuntest sensittiv fejn hi tiġi ppreparata u fejn hi tħossha safe fl-ambitu ta' dan l-eżerċizzju mhux tiġi mposta b'ordni la mingħandi u lanqas mingħand ħadd.'*[12]

[11] Fol. 70 – 71 – Xhieda tal-Psikjatra Dr. Joseph Saliba tas-6 ta' Marzu 2014.
[12] Fol. 78 – Xhieda tal-Psikjatra Dr. Joseph Saliba tas-6 ta' Marzu 2014.

17. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

It-Tieni Aggravju.

18. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti tinsisti mbagħad li s-sentenza ma tħarisx l-interess suprem tal-minuri. L-appellanti tisħaq li l-uniku mod li jista' jiġi mħares l-interess tal-minuri huwa billi bintha ma jkollha l-ebda relazzjoni ma' missierha u possibilment lanqas ma' wliedha mill-ewwel żwieġ li lkoll baqgħu jgħixu mal-appellat minkejja li mhux missierhom bijoloġiku, iżda jħossuhom stmati bħala wliedu.

19. Il-partijiet kellhom id-diffikultajiet tagħhom u ma jidhrix li qatt iddejqu jivventilawhom quddiem il-minuri, b'dan illi kemm l-appellanti kif ukoll sa ċertu punt l-appellat jaħtu għall-perċezzjoni negattiva li Francesca għandha ta' missierha:

> '*meta l-minuri ġiet mistoqsija dwar missierha, hija qalet li tiftakar li kien spiss jiġġieled ma' ommha, is-sinjura Sant. Hi qalet ukoll lill-ħaddiema soċjali li tiftakar li ġieli kien jirrabja magħha u anki kien jagħtiha xi daqqa fuq idejha. Il-minuri semmiet li ommha, is-sinjura Sant, qaltilha illi missierha meta kienet tarbija kien imiss il-parti privata tagħha. Il-ħaddiema soċjali tkellmet fit-tul mal-minuri dwar dan u staqsietha jekk forsi kienx jagħmel hekk sabiex jaħsilha iżda l-minuri ma tiftakarx u ma taf xejn ħlief dak li qalilha ħaddieħor.*
>
> *"Il-ħaddiema soċjali tkellmet mal-minuri dwar it-talba ta' missier sabiex jiltaqa' magħha u jibda jkollu kuntatt regolari magħha. Il-minuri qalet li jekk isir hekk il-ġenituri tagħha jibdew jiġġieldu u ma jagħtux kasha għax fil-passat hekk ġara. Fil-fatt il-minuri semmiet xi drabi fejn kellha tiltaqa'*

*ma' missierha ġewwa stabbiliment imma meta iltaqgħu tiftakar li l-ġenituri bdew jiġġieldu.'*[13]'

20. Jirriżulta madanakollu li l-allegazzjonijiet ta' abbuż sesswali u s-sens ta' paniku kbir u ansjetà meta t-tifla tiġi biex tiltaqa' ma' missierha, huma alimentati mill-appellanti, jew aħjar dak li tirrakkonta lill-bintha dwar missierha jew dak li tirrakkonta dwaru lil terz quddiem it-tifla. Dan apparti l-atteġġjament tal-appellanti meta jissemma l-appellat:

*'Il-ħaddiema soċjali temmen li jekk seħħ jew le xi forma ta' abbuż fuq il-minuri, l-minuri Francesca kienet wisq żgħira biex tiftakar. Il-fatt li l-minuri trid iġġorr il-piż ta' din l-informazzjoni u n-nuqqas ta' preżenza tas-Sur Sant f'ħajjitha, tpoġġi diffikultajiet kbar sabiex l-minuri tkun tista' tagħżel illi jkollha jew le relazzjoni ma' missierha.'*[14]'

*'... t-tfal huma dipendenti ħafna fuq dak li qed jiġri min naħa tal-kbar ta' madwarhom, jiġifieri jista' jkun il-każ li hi ġenwinament fil-kuxjenza tagħha u f'moħħa kienet qiegħda tesprimi biża reali pero huwa fatt li l-biża li jħossu t-tfal tiddependi fuq kemm in-nies ta' madwarhom jew qed ibeżżawhom jew jagħmlulhom kuraġġ fuq diversi affarijiet ...'*[15]

*'According to medical records, Francesca has been displaying most of these symptoms since 2010, which coincides with the time when contact with her father terminated. Francesca has been caught up in a very strong loyalty bing to her mother. It is very clear that she is very attached to her mother. This attachment is so strong that sometimes Francesca finds it difficult to distinguish herself from her mother. Her mother's fearful way of relating meant that Francesca has through the years taken up her mother's fears such that whatever her mother fears, becomes Francesca's fear too.*

*"Moreover, Francesca's strong attachment to her mother also means that she would never do anything that might in any way jeopardise her relationship with her mother. Though Francesca has not been given a coherent story about what truly happened, she knows that her mother and elder siblings are not in contact anymore and they are living with John. It could possibly be that Francesca believes that should she too*

[13] Fol. 16 – Rapport ta' Andreana Gellel datat 18 ta' Jannar 2013.
[14] Fol. 18 – Rapport ta' Andreana Gellel datat 18 ta' Jannar 2013.
[15] Fol. 73 – Xhieda tal-Psikjatra Dr. Joseph Saliba tas-6 ta' Marzu 2014.

*decide to have contact with John, she would lose the affection of her mother, or worse still be rejected as were her siblings.*

*"This huge fear of losing her mother should she experss some wisht that is conter to her mother's desires, could explain why every time there is contact with a professional there is a strong degree of regression and a worsening of the symptoms. The extreme shifts I witnessed in Francesca's engagement with me were a clear indication that Francesca fears that she might say something or do something that might compromise her loyalty to her mother...'*[16]

*'... irid isir xogħol mal-omm ukoll. Qatt ma sar xogħol ma' l-omm u dik kienet waħda mil-lakuni li hemm jiġifieri l-ewwel żgur li irid ikun hemm xogħol ma' l-omm biex imbgħad din it-tifla meta se tmur lura għandh l-omm se jkunu aħjar l-affarijiet. Per eżempju darba kelli konversazzjoni fuq it-telefon ta' żewġ minuti mat-tifla, jiġifieri ċemplet l-omm panic station sħiħa għax it-tifla ma riditx tmur iktar affarijiet u hekk u jien f'żewġ minuti din it-tifla kkonvinċejtha li m'għandiex għalfejn tibża ... sagħtejn wara l-omm bagħtitli isma' dik se tmur id-drama thank you very much.*

*"... Waħda mill-affarijiet li tinkwetani per eżempju li din l-omm dejjem tgħid l-istorja ta' l-abbuż lil kulħadd u t-teachers kollha jafu, kull sena trid tgħid lil kulħadd u t-teachers kollha jafu which is not good u definitely ma tridx tingħata aktar din l-istorja u din l-istorja ma tistax tibqa' iktar ma din it-tifla għax din għandha riperkussjonijiet anki 'l quddiem. Ġara jew ma ġarax il-każ, jekk it-tifla qed taħseb l-ħin kollu li dan il-missier missha u l-ħin kollu tgħidha lil kulħadd, jiġifieri tarak, tiltaqa' miegħek l-ewwel darba u tgħidlek għax il-papa' missli l-parti tiegħi, hekk u tibqa tirrepetiha... Hopefully din l-istorja min naħa tal-omm ma tibqax tissemma', it's not her story, it shouldn't be the story of this child '*[17]

21. Huwa ċar għalhekk li għalkemm l-appellanti tikkontendi li qatt ma kienet ta' ostakolu għar-relazzjoni bejn bintha u l-appellat u dejjem ħadet lit-tifla għall-aċċess, il-provi juru li l-atteġġjament tagħha dejjem kien wieħed li rrafforza l-idea f'moħħ il-minuri li missierha kien ta' periklu kbir kemm għat-tifla nnifisha kif ukoll għaliha u li l-uniku soluzzjoni possibli għal dan huwa l-aljenazzjoni tal-missier, daqs li kieku ma jeżistix. Iżda l-

[16] Fol. 107 – 108 – Rapport tal-Espert Roberta Farrugia Debono.
[17] Fol. 124; 128 - 129 – Xhieda tal-espert Roberta Farrugia Debono tas-17 ta' Ġunju 2014.

appellat jeżisti u din il-Qorti ma tistax tifhem kif qatt jista' jkun fl-interess tal-minuri li tgħix fl-illużjoni li tista' tikkanċella lill-missierha kompletament minn ħajjitha u fl-istess ħin tgħix fil-biża' li f'xi kuntest soċjali tista' xi darba tiġi wiċċ imb'wiċċ mal-mostru li għandha f'moħħha.

22. Fuq kollox, l-ewwel Qorti ma tatx aċċess liberu minnufih, iżda iddeċidiet illi qabel ma jkollu aċċess mingħajr supervizjoni, għandha ssir it-terapija relattiva magħha, mal-attur appellat, kif ukoll mal-konvenuta appellanti. Għalhekk innominat lil Carmen Delicata bħala Terapista tal-Familja kif ukoll lill-Psikjatra, Dr. Lorraine Azzopardi. Apparti dan, l-ewwel Qorti kompliet billi ddeċidiet li għandu wkoll isir kuntatt u tinbena relazzjoni ma' ħut il-minuri u l-aċċess jingħata biss wara li l-imsemmija esperti jaċċertaw ruħhom li l-aċċess jista' jerġa' jiġi eżerċitat. Ovvjament dan kollu ser ifisser żmien, li ma tantx hemm meta tikkonsidra li t-tifla diġa` għandha sbatax-il sena. Hekk kif issir maġġorenni d-deċiżjoni ser tkun tagħha biss. Pero` għallinqas matul is-sena li fadal m'hemm xejn ħażin li wieħed jipprova.

23. L-aggravju tal-appellanti jikkonferma biss il-konvinċiment ta' din il-Qorti li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hija waħda ġusta u għaqlija. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

<u>It-Tielet Aggravju.</u>

24. L-appellanti tiddikjara ruħha aggravata wkoll bil-fatt li l-ewwel Qorti allegatament għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti, ossija: (i) meta qalet li mis-sena 2010 l-appellat ra lit-tifla darbtejn biss; (ii) meta qalet li l-minuri kellha biss sena u nofs meta sar l-allegat abbuż mentri kellha sentejn u għaxar xhur meta sar ir-rapport; (iii) bejn id-data tar-rapport tat-23 ta' Awwissu 2006 u s-separazzjoni ffirmata fit-2 ta' Frar 2007 minn imkien ma jirriżulta li l-appellanti kienet tħalli t-tifla mal-attur biex toħroġ sas-siegħat bikrin ta' filgħodu jew kienet tħalli lill-appellat jaħsilha; (iv) hija ppruvat issalva ż-żwieġ tagħha qabel ma sar ir-rapport dwar it-tifla u mhux wara; (v) ħadet impressjoni żbaljata tagħha abbażi ta' dak li xehdu dwarha wliedha mill-ewwel żwieġ li kellhom problemi personali serji inkluż abbuż ta' droga u li llum huma adulti b'dan illi mhux il-każ li qed irabbihom l-appellat; (vi) naqset tagħraf il-*benessere* tal-minuri meta ordnat li għandha jkollha kuntatt ma' ħutha li possibilment għad għandhom problemi ta' droga; (vii) meta qalet li hija ħatja ta' *parental alienation* stante li mir-relazzjoni tal-psikologa Roberta Zahra De Domenico jirriżulta li hi dejjem ħaditha għall-aċċess u kkoperat mal-esperti tal-Qorti; (viii) l-ewwel Qorti ma apprezzatx id-diffikultajiet kbar li għaddiet minnhom biex hija rabbiet lil Francesca waħidha; (ix) it-tifla illum għandha l-età tagħha iżda l-Qorti qed tinjora x-xewqat tagħha.

25. Irrispettivament kemm-il darba l-missier ra lit-tifla, bħala stat ta' fatt l-appellat m'għandux relazzjoni ma' bintu. Għalkemm l-appellanti tinsisti li hija m'hijiex ħatja ta' *parental alienation*, il-fatti juru mod ieħor. Hekk per eżempju l-appellanti ma tilfitx opportunità li xxandar bla bżonn is-suspetti li tgħid li għandha dwar l-allegat abbuż fuq il-minuri saħansitra fuq il-gazzetti u mal-għalliema tal-minuri, minkejja li dan ikollu konsegwenzi negattivi fuq l-istess minuri u r-relazzjoni tagħha ma' missierha u ma' terzi. Apparti hekk, l-appellat qatt ma tħalla jipparteċipa fit-trobbija tat-tifla, u lanqas biss ma jingħata tagħrif per eżempju dwar il-progess tat-tifla fl-iskola. B'dan l-aġir l-appellanti kienet qiegħda taljena bla bżonn lill-appellat mill-ħajja tal-minuri Francesca. Il-Qorti m'għandhiex dubju li matul is-snin l-atteġġjament tal-omm kien ħoloq pressjoni fuq it-tifla. It-tifla taf biss lill-ommha u hu evidenti li għaliha hi kollox. Omm li ma trid ikollha l-ebda forma ta' kuntatt mal-konvenut, irrispettivament x'jitlob l-interess tat-tifla. Atteġġjament ta' omm li hi konvinta li dak li qiegħda tagħmel hu fl-aħjar interess tat-tifla, meta hu evidenti li m'huwiex.

26. Il-Qorti ma teskludix li ċertu atteġġjament tal-appellat ma għenux is-sitwazzjoni. Eżempju każijiet fejn instab ħati li ta fastidju lill-appellanti (ara fedina penali). B'dak l-aġir hu stess kien qiegħed jikkontribwixxi biex il-kwistjonijiet bejn il-kontendenti jiżdiedu meta kien hemm diġa` tensjoni u problemi.

27. Lanqas ma jirrifletti tajjeb il-mod kif l-appellanti titkellem dwar uliedha mill-ewwel żwieġ. Fl-aħħar mill-aħħar huma wliedha u jekk stess għandhom xi problemi, m'hemmx provi li qatt kienu ta' influwenza negattiva fuq il-minuri Francesca. Dak li jirriżulta huwa anzi li meta l-appellanti telqet lill-uliedha sabiex marret tgħix mas-sieħeb tagħha Mario, meta t-tfal kienu għadhom żgħar, qatgħet kull kuntatt minn magħhom.

28. Apparti dan, meta l-appellanti biegħet l-istess dar b'subbasta kien l-appellat li xtara dar u ospita għandu lit-tfal mill-ewwel żwieġ.[18] Irrispettivament mill-eta` tat-tliet itfal u mid-difetti kollha li jista' għandu l-appellat, il-fatt li huwa kien lest jilqa' lill-ulied l-appellanti f'daru minkejja li m'huwiex il-missier naturali, fih innifsu hu ġest nobbli. L-aggravju tal-appellanti f'dan ir-rigward hu fieragħ.

29. Safejn l-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti żbaljat meta qalet li l-minuri kellha biss sena u nofs meta sar l-allegat abbuż, mentri meta sar ir-rapport kellha sentejn u għaxar xhur, u li wara li hija għamlet rapport dwar l-allegat abbuż mhux minnu li qatt ħalliet lill-minuri mal-appellat u lanqas ippruvat tirrikonċilja miegħu, dan ma jbiddel xejn. Il-Puliżija li nvestigaw il-każ iddeċidew li ma kellhomx provi sabiex jibdew proċeduri

[18] Fol. 162; 209; 241; 216; 219; 158.

kriminali kontra l-appellat. L-insistenza tal-appellanti li l-appellat abbuża minn binthom bl-ebda mod ma tista' twassal lil din il-Qorti sabiex ma taqbilx mal-ewwel Qorti u ċċaħħad lill-appellat minn aċċess mingħajr superviżjoni għall-bintu. Minkejja li fit-tweġiba ġuramentata l-appellanti qalet li *"3..... qatt ma ċaħdet lir-rikorrenti li jara lil bintu"*, min jaqra l-file jara stampa ferm differenti. Biżżejjed wieħed jaqra r-rapport li sar minn Andreana Gellel biex wieħed jirrejalizza l-ħsara li għamlet l-attriċi meta qalet lit-tifla li meta kienet tarbija, missierha kien jabbuża minnha. Imbagħad fit-tweġiba ġuramentata qalet li kien suspett.

30. Illum it-tifla għandha sbatax-il sena. Il-problema hi li l-kawża ilha issa tmien snin pendenti u ma teżisti l-ebda relazzjoni bejn it-tifla u missierha. Ovvjament f'dak kollu li ġara t-tifla ma kellha l-ebda ħtija. Sa mill-bidu tas-sena 2013 is-*social worker* Andreanna Gellel kienet ipproponiet li jsiru sessjonijiet ta' terapija għat-tifla sabiex tippreparaha għall-aċċess. Inħlew is-snin u saret ħafna ħsara, u issa t-tifla waslet sabiex issir maġġorenni. Minflok sar progress qegħdin fis-sitwazzjoni prekarja li ddeskriva l-konsulent psikjatra Dr. Jean Pierre Giorgio fir-rapport li ppreżenta fil-5 ta' Novembru 2018.

31. Probabbilment għalkemm l-ewwel Qorti kellha intenzjonijiet tajbin, f'dan il-każ ser ikun ferm diffiċli li f'sena l-affarijiet jinbidlu. Hu diffiċli li jsir progress fi żmien hekk qasir mingħajr il-koperazzjoni tal-appellanti u tal-

minuri. Dan iktar u iktar meta tikkonsidra ż-żminijiet diffiċli li l-pajjiż għaddej minnhom bil-pandemija tal-COVID. L-atteġġjament tal-appellanti matul dawn is-snin kollha jagħmilha diffiċli li jinbidel fi żmien qasir, ovvjament minħabba l-perċezzjonijiet li għandha dwar dak li fil-fehma tagħha ġara fil-passat. Da parti tagħha t-tifla tidher li ma riditx tikkopera kull meta qamet il-kwistjoni dwar l-aċċess. Inoltre, Dr. Giorgio stess irrapporta li hemm bżonn li jsir ħafna xogħol u terapija fuq it-tifla sabiex jiġi evitat milli jkollha trawma. It-trapass ta' dawn is-snin kollha komplew jikkompromettu dan il-każ. Ovvjament kif il-minuri tagħlaq tmintax-il sena, ser ikollha dritt tieħu deċiżjoni b'mod indipendenti. Madankollu l-qorti ma tara xejn ħażin li jsir tentattiv, irrispettivament jekk jiġix reġistrat progress jew le.

32. Il-Qorti kkonsidrat ukoll jekk għandhiex tisma' lill-minuri sabiex tara x'għandha xi tgħid. Madankollu minn dak li xehdet il-psikjatra Lorraine Azzopardi (seduta tal-14 ta' Marzu 2017) tikkonkludi li ma jkunx ta' ġid għat-tifla.

33. L-appellanti qiegħda toġġezzjona wkoll li t-tifla jkollha kuntatt ma' wlied l-appellanti mill-ewwel żwieġ, għaliex qalet li kellhom problemi serji ta' droga. Hu minnu li fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-ewwel Qorti qalet li l-aċċess lill-appellat, għandu jsir *".... wara wkoll li jkun sar kuntatt u tinbena relazzjoni ma' ħut il-minuri"*. It-tfal tal-appellanti mill-ewwel żwieġ m'humiex parti fil-kawża. Mill-atti ma jidhirx li jekk il-minuri jkollha

kuntatt ma' ħutha, ser issir xi ħsara irrimedjabbli. Il-fatt li hemm xi ħadd mit-tfal li kellu jew għad għandu problema ta' konsum ta' droga, ma jfissirx li hi persuna ħażina. Dan apparti li m'hemmx biżżejjed provi sabiex il-qorti tkun tista' tgħaddi ġudizzji f'dan ir-rigward. Il-fatt jibqa' li huma aħwa. Inoltre, il-minuri ser tkun qiegħda tiġi segwita mill-persuni nominati mill-ewwel Qorti.

34. Finalment l-appellanti tikkritika d-deċiżjoni appellata għaliex qalet li l-ewwel Qorti m'apprezzatx id-diffikultajiet kbar li għaddiet minnhom sabiex rabbiet lil Francesca waħedha. Dan it-tip ta' raġunament iservi biss sabiex l-appellanti tipprova tirbaħ kompassjoni. M'hemmx dubju li m'huwiex faċli għall-ebda ġenitur li trabbi tifla waħedha. Madankollu, żgur li m'għenitx bl-atteġġjament tagħha. Jidher li l-appellanti hi konvinta li l-appellat abbuża mit-tifla. Dan minkejja li hi stess fit-tweġiba ġuramentata qalet li fil-passat *"2(ii) ..... kien hemm storja ta' suspett fejn il-minuri setgħet kienet qed tiġi abbużata mill-istess missierha"*. Il-qrati jiddeċiedu fuq il-provi u mhux fuq suspetti jew konvinzjonijiet ta' ġenitur.

35. Dan l-aggravju hu miċħud ukoll.

<u>Ir-Raba' Aggravju.</u>

36. Finalment l-appellanti tilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti akkollat l-ispejjeż tal-kawża interament lilha.

37. Peress li l-ebda wieħed mill-aggravji ma ntlaqgħu, ovvjament l-ispejjeż kollha għandha tagħmel tajjeb għalihom l-appellanti.

Għaldaqstant tiċħad l-appell tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjeż kollha kontriha.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm